# L-Istatwa tal-Irħam ta' San Pawl fil-Mużew Wignacourt

**Alain Blondy**
*Maqlub mill-Franċiż minn Mons. Ġwann Azzopardi*

Fis-sena 2007 kienet tniżżlet bi krejn mill-faċċata tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, statwa qadima tal-irħam ta' San Pawl. Din l-istatwa kienet fin-niċċa li tinsab fuq il-bieb tal-Knisja ta' San Publiju. Pariġġha min-naħa taz-Zuntier hemm ukoll niċċa bi statwa ta' San Pietru, skolpita fil-ġebel.

Meta tniżżlet stajna nikkonfermaw dak li jgħidu d-dokumenti li l-istatwa ta' San Pawl kienet ġiet skolpita fl-irħam, ħaġa li minħabba l-effett tad-diesel fuq l-istatwa ma kinitx ċara minn qabel. Stajna naraw ukoll li l-istatwa kient maħduma minn xi skultura oħra jiġifieri minn irħam riċiklat għax fuq wara sibna ornament fl-irħam ta' *acanthus*, li donnu jindika li kienet isservi bħala arkitrav f'xi binja rumana.

L-istatwa tnaddfet u ġiet restawrata mis-sur Robert Cassar[1]; saret ukoll replika tagħha fil-*fibre* mis-sur Aldo Chetcuti . Ir-replika tpoġġiet fin-niċċa waqt li l-istatwa tal-irħam tpoġġiet fuq pedestal b'mod permanenti fil-Muzew Wignacourt fejn tista' titgawda mill-viċin mill-bosta viżitaturi li jżuru l-Mużew.


*L-Istatwa ta' San Pawl ta' Marchand*

L-ikonografija ta' din l-istatwa hija kurjuża ħafna, differenti minn dik ta' San Pawl kif soltu jiġi rappreżentat fostna. L-ewwel impressjoni hija ta' figura femminili għax għandu spalla dejqa u libsa b'għoqda fl-ispalla u f'qaddu u b'ċintorin taħt żaqqu. Infatti kien hemm min ħaseb li l-iskultur kien qed jadatta statwa qadima ta' xi deita` femminili.

Iżda wara ċertu ħsieb intbaħt li dan l-iskultur, li milli jidher kellu ħila limitata ħafna, kien qed jikkopja jew jispira ruħu minn statwa famuża li llum tinsab fil-Katidral ta' Chartres, maħduma minn skultur, illum kważi minsi, li jġib l-isem ta' Francois Marchand. Dan l-iskultur li twieled f'Orleans fis-sena 1500 u miet f'Pariġi fis-sena 1551 għandu opri fi tliet postijiet: fil-Katidral ta' Chartres, fl-abbazija ta' Saint-Pere-en Vallee' u f'Saint Denis fejn skolpixxa l-qabar tar-Re Francois I.

Fil-Katidral ta' Chartres fis-sena 1542 huwa ħadem erba' skulturi: Il-Prezentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, il-Qtil tal-Innocenti, l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Purifikazzjoni.

Fis-sena ta' wara, l-Abate tal-Monasteru tal-Benedittini ta' Saint-Pere-en Vallee' kkummisjonalu d-dekorazzjoni tal-Knisja tal-Abbazija, b'disa' rilievi mill-Atti tal-Appostli. Ħadem ukoll ħames statwi, fosthom dik ta' San Pawl li naħseb li l-istatwa tar-Rabat fl-irħam kienet ispirata minnha.

B'dawn l-iskulturi, Marchand għamel impatt qawwi għax tbiegħed mill-użu tradizzjonali li jlibbes l-istatwi bil-kostumi tal-post u taż-żmien li fih kienu jgħixu l-qaddisin skolpiti, u beda jtihom forom ġodda ispirati miż-żminijiet tal-qedem, bil-kostumi militari u mill-istess karattri tal-figuri skolpiti. Hekk inħadem dan San Pawl. Dan l-istil ġdid għamel lill-artist wisq popolari, tant li l-arti tiegħu hi riprodotta f'inċiżjonijiet li xerrduha qalb l-artisti l-oħra u qalb il-poplu.

Din il-fama li kiseb wasslitu biex fis-sena 1548 jiġi magħżul biex jaħdem, għall-Abbazija Rjali ta'

Saint-Denis, il-qabar tar-Re Francois I u r-Reġina Claude ta' Franza. Huwa mbagħad ħalla Orleans u mar jgħix ġo Pariġi fejn ħadem flimkien ma' skulturi kbar bħal Philibert Delorme u oħrajn.

Il-bidla fl-ilbies li bih kien libbes l-istatwa ta' San Pawl, li tatu fama kbira, fis-snin ta' wara reġgħet bdiet tiġi modifikata u San Pawl ingħata figura aktar maskili billi żdiedlu s-sejf tal-martirju.

Jidher li l-iskultur li l-Ordni ta' San Ġwann kien qabbdu jagħmel l-istatwa tal-Grotta pprova jimita l-istatwa ta' Marchand iżda billi kien dgħajjef, ma rnexxilux jatiha qawwa u karattru biżżejjed, tant li x-xogħol tiegħu kellu jiġi abbandunat.

Min seta' kien dan l-artist? Mons. Ġwann Azzopardi minn dokumenti li sab fl-arkivji tal-Grotta jidentifika li fl-1660, il-Kollegjali qabbdu lill-kavalier Franciz De la Faye biex jagħmel proġett fl-irħam għall-kappella ta' San Pawl fil-Grotta u qabbdu lill-iskultur Bartolomeo Miniviello (Menville) biex jiskolpixxi statwa fl-irħam għall-altar. Ħallsuh minn qabel is-somma ta' 300 *piastre* iżda billi ma kienux sodisfatti bix-xogħol, waqt li żammew l-istatwa, aktar tard poġġewha fin-niċċa ta' barra fuq il-bieb. Talbu wkoll lil Miniviello jrodd lura 50 minn dawk it-300 *piastre*. Huwa rritornahom fis-sena 1662 permezz tal-iskrivan Carlo Bonifacio.[2]



*L-Istatwa ta' San Pawl tar-Rabat li oriġinarjament kienet fil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali u llum meqjuma f'post ċentrali fil-Mużew Wignacourt*

**Referenzi**

[1] Robert Cassar, 'Il-Proġett ta' Restawr fuq l-istatwa antika ta' San Pawl maħduma fl-irħam li kien hemm fil-Faċċata tal-Knisja', Il-Festi Tagħna, 2007, pp. 29-31.

[2] G. Azzopardi,' San Paolo nell'iconografia ecclesiastica di Malta e Gozo', Salve Pater Paule 2009, p.62;
Idem, 'L-eqdem statwa ta' San Pawl fir-Rabat. Opra fl-irħam ta' Bartolomeo Menville', Wirja ta' Statwi ta' San Pawl, fir-Rabat, Malta, Każin San Pawl, 2009.